MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 418/2014

**Eworld Limited**
**C53504**

**vs**

**Cardona Ritianne**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija, tnejn u sittin ewro, hamsin centezmu (€962.50c) ammont bilancjali dovut ghal *lap top computer* mibjugh u kkonsenjat mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Gunju, 2014 u bl-imghax legali mit-12 ta' Novembru, 2013, data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta in Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, tnejn u sittin ewro, hamsin centezmu (€962.50c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------